# Mattia Preti u l-Knisja l-Qadima tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt Valletta

**Amanda Ann Vella**

*B.A (Hons) History of Art*

Il-Knisja l-Qadima tal-Madonna tal-Karmelu ma kienet nieqsa minn xejn. Sewwasew, il-Knisja kienet tassew imżejna minn kull aspett. Apparti li kienet mżejna bl-arkitettura Barokka tagħha kienet ukoll tgawdi minn patrimonju artistiku kbir. Fil-Knisja tal-Karmnu wieħed seta' jara numru mdaqqas ta' statwi u pitturi kif ukoll oġġetti ta' preġju magħmula mill-fidda rregalati mid-devoti Karmelitani għal xi grazzja jew mogħtija bħala turija ta' devozzjoni li kellhom għall-Madonna tal-Karmnu.

Mill-banda l-oħra, il-pitturi li kienu jsebbħu l-Knisja u l-kunvent kienu rikki fl-istili differenti tagħhom. Dawn il-kapulavuri artistiċi illum il-ġurnata jżejnu l-Knisja l-Ġdida li reġgħu bnew il-Karmelitani wara li l-Knisja l-antika kienet intlaqtet mill-bombi tal-għedewwa fit-tieni Gwerra Dinjija u għax tant kemm kibret id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu li l-Knisja, dik mibnija minn Ġerolamo Cassar kienet saret wisq żgħira biex takkomodahom kollha. Dawn il-kontribwazzjonijiet artistiċi huma evidenza ċara kemm għad-devoti kemm il-Knisja tal-Karmnu kienet għal-qalb ta' ħafna Maltin u Għawdxin. Infatti, wieħed jista' jinnota li l-Knisja l-Qadima[1] tal-Karmelu kellha xorti kbira li kienet imżejna b'ħafna pitturi ta' artisti ta' fama kbira. Fost dawn l-artisti nsibu numru ta' pitturi li ħarġu minn idejn Mattia Preti. Għalkemm illum mhix ix-xorti li naraw il-Knisja bl-arkittettura tagħha għandna xorti ferm akbar li nistgħu naraw dawn il-pitturi fil-Knisja l-Ġdida tal-Karmnu.

**Min kien Mattia Preti?**

Mattia Preti, daħal fix-xena artistika Maltija ftit wara tal-miġja tal-Ordni ta' San Ġwann f'Malta. Mattia Preti twieled il-Kalabrija fl-24 ta' Frar fl-1613 u miet nhar it-3 ta' Frar tas-sena 1699. Preti ħa t-tagħlim artistiku tiegħu f'Ruma għall-ħabta tas-sena 1630[2] wara li mar iżur lil ħuh Gregorio. Minn hawn Preti xorob l-influwenzi artistiċi tiegħu s-*seicento* Ruma; stil li kellu kromatika Venezjana. Minn barra dawn l-influwenzi Mattia, jew kif kien ukoll magħruf *Calabrese,* kien influwenzat minn Caravaggio, Mandrefi u Lanfranco. Influwenzi oħra li nsibu f'Mattia Preti, insibu traċċa klassika fl-eżekuzzjoni tal-pitturi tiegħu. Dan l-influwenzi ġew intilti f'Mattia Preti min-Neo-Venezjani bħal Pietro da Cortona u ċ-ċelebri Guercino.

Wara Ruma, Preti mexa lejn il-post ta' Napli fejn biddel l-istil artistiku tiegħu biex tneżża' min-naturaliżmu riġidu li kien jiddomina l-istil tal-bidu ta' Preti. Wara Napli, Preti wasal Malta fejn huwa qatta' l-kumplament ta' ħajtu jgħix hawn. Huwa tant ntlaqa' tajjeb mill-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann li saħansitra ħatruh Kavallier. Barra d-diversi kapulavuri artistiċi li bihom żejjen ħafna mill-Knejjes ta' Malta u Għawdex, Mattia Preti kien afdat id-dekorazzjoni tal-Kon-Katridal ta' San Ġwann. Preti kellu xorti tajba li kellu karriera artistika twila u produttiva ħafna li ħafna mużewijiet madwar id-dinja għandhom xi pittura minn tiegħu, imma x-xorti tagħna hija tant aktar li ħalla numru sabiħ ta' pitturi mill-aqwa lill-gżejjer tagħna.

**Il-Pitturi fil-Knisja l-Qadima tal-Madonna tal-Karmnu**

**Il-Pittura tal-Madonna tal-Pilar**

Fost il-ħafna pitturi li bihom ġiet imżejna l-Knisja, insibu l-pittura li ġġib l-isem tal-*Madonna tal-Pilar*. Fis-sena 1952, li ta' min isemmi hi s-sena li fiha ġiet mwaqqa' l-Knisja l-qadima, din il-pittura kienet tinsab fil-Kappellun ta' San Ġużepp, eżattament fuq id-daħla tal-passaġġ li kienet tgħaqqad il-kappella ta' Sant'Elija ma' dik ta' San Ġużepp. Illum din

il-pittura sabiħa tinsab fuq il-bieb li jagħti għas-sagrestija. Din illum hija magħrufa bħala l-Kappellun ta' San Ġużepp.



Il-Madonna tal-Pilar, xogħol mill-isbaħ ta' Mattia Preti

Il-pittura tal-*Madonna tal-Pilar*, li hija eżegwita b'paletta b'toni ta' kannella u roża. Din il-pittura turi l-mument li fih il-Madonna dehret lil San Xmun. Il-pittura turi l-Madonna bilqiegħda fuq tron ta' sħab waqt li titfa' ħarsitha fuq il-figura ta' San Xmun. Fl-isfond, wara ras il-Madonna, wieħed jista' jara żewġt'uċuħ ta' Anġli eżegwita b'teknika monokromatika li għaldaqstant ma jnaqsu xejn mill-importanza tal-Madonna. F'din il-pittura wieħed jista' jara l-figura tal-Madonna lluminata b'dawl abjad waqt li l-figura ta' San Xmun hija mdawla sa nofsu. Il-figura tal-Madonna narawha mlibbsa drappeġġ aħmar, li jaqa' b'tinji fondi u tqal. Minbarra t-tunika, il-Madonna għandha mantell blu waqt li jidher jperper ġor-riħ, teknika li biha Preti joħloq moviment u drammatiċità.





Dettalji mill-isbaħ tal-pittura tal-Madonna tal-Pilar

Ta' min isemmi li din id-drammaċità fit-tpinġija tal-ilbies kien popolari wisq fi żmien il-Barokk. Fuq linja djagonali li tibda mill-figura tal-Madonna naraw il-figura inklinata ta' San Xmun. Dan l-enfasi huwa muri permezz ta' lanza li qiegħda tistrieħ fuq l-ispalla tal-qaddis. Minbarra l-eżekuzzjoni tajba tal-figuri, Preti jurina l-bravura tiegħu billi jgħaqqad il-parti ta' fuq tal-pittura ma' ta' isfel. Dan jagħmlu

permezz tas-sebgħa li jipponta lejn il-figura ta' San Xmun. Motiv importantissmu fil-pittura hija l-kolonna li fuqha hemm l-istemma araldika tal-Kavallieri tal-Lingwa ta' Kastilja.

**Il-Pittura ta' Sant'Anġlu**

Kappella oħra li għandha l-pittura titulari li ħarġet minn taħt l-idejn Mattia Preti tinsab fil-kappella li bħala patrun tagħraf lil *Sant' Anglu*[3]. Din id-dedikazzjoni seħħet fis-sena 1866[4] u bix-xieraq, minflok il-kwadru tal-Madonna tpoġġa ieħor ta' *Sant' Anġlu*. Dan l-aħħar kwadru kien sar lejn l-aħħar tas-1670ijiet.[5] [6] Il-kwadru tal-qaddies juri lil Sant'Anġlu liebes tonka kannella b'mantell abjad fuqha, li ta' min jinnota huwa lbies Karmelitan, filwaqt li qed jinkina f'nofs il-pittura. Mattia Preti jpitter lill-qaddis, b'idejh miftuħa beraħ waqt li rasu hija mitfuha lura hekk kif jitfa' ħarstu lejn kerubin. F'idejn il-kerubin, wieħed jista' jinnota li għandu, kuruna u fergħa tal-palma. Hawnhekk, Preti jurina eżekuzzjoni perfetta u eżatta tal-figura anatomika. Fil-pittura naraw ukoll l-użu ta' ikona tradizzjonali li tirrappreżenta lill-qaddis - li hija mannara. Il-palletta li uża hawn Preti jispikkaw ħafna sfumaturi ta' kannella skuri u kannella ċari biex b'hekk jinħolqu kuntrasti kromatiċi fil-pittura. Dan il-kuntrast jillumina lill-protaġonista tal-pittura billi jitfa' l-qaddis f'dawl abjad fuqu, speċjalment id-dawl li jillumina l-mantell.

**Il-pittura ta' San Albert**

Fil-Kappella ta' San Albert, li hi l-kappella fuq in-naħa tal-lemin tal-Knisja l-Qadima, kellha pittura oħra li ħarġet minn taħt idejn Mattia Preti[7]. Din tirrappreżenta lil *San Albert ta' Trapani* u kienet saret lejn l-aħħar tas-snin 1670ijiet. Fiż-żmien, il-Knisja l-Qadima, wieħed seta' jammira dil-pittura fil-kor sas-sena 1866 meta din tneħħiet biex iżżejjen l-artal tal-Kappella li kienet se ġġib l-istess dedikazzjoni tal-qaddis. Wara li nbniet il-Knisja l-Ġdida, din il-pittura reġgħet sabet ruħha fuq l-artal ta' San Albert ta' Trapani. Mattia Preti jpoġġi lill-protagonista, San Albert, fin-naħa ta' quddiem tal-pittura. Huwa jpoġġi lill-qaddis għarkupptejh quddiem artal waqt li jżomm f'idejh Salib u l-oħra serraħ fuq sidru. Bħal Sant'Anġlu, San Albert huwa liebes tonka kannella b'mantell abjad fuq spallejh. Jofroq id-dalma li tiddomina l-pittura, hemm dawl abjad qawwi li ġej min-



L-artal ta' Sant'Anġlu, fil-knisja l-qadima



Il-Pittura ta' Sant'Anġlu



L-Artal ta' San Albert, fil-knisja l-qadima



Il-Pittura ta' San Albert – xogħol ta' Mattia Preti

naħa ta' fuq mix-xellug li jdawwal wiċċ San Albert. Id-dawl qiegħed jiżvela wkoll żewġ kerubini daħkana u ferrieħa fl-isfond tal-pittura. Ta' min jinnota li din il-pittura fiha ħafna similiritajiet bejn il-pittura li tirrappreżenta lil Sant'Anġlu.

Fil-Kappella ta' Sant'Albert, li qabel kellha dedikazzjoni lill-Madonna[8] [9], kellha artal imżejjen b'pittura li tirrappreżenta lil *Madonna mdawra b'San Bastjan u San Mikiel*. Għall-kuntrajru tal-pitturi oħra li nsibu fil-knisja, din il-pittura hija attribwita lill-bottega ta' Mattia Preti[10]. F'din il-pittura naraw il-figura ċentrali tal-Madonna terfa' lil Ġesù Bambin f'idha l-leminija. Barra minn hekk, il-Madonna għandha idha l-oħra fuq sidirha waqt li tferra' l-ħalib fuq l-erwieħ tal-Purgatorju li jokkupaw in-naħa t'isfel tal-pittura. Safrattant, naraw lil San Sebastjan u San Mikiel huma mpittra bilwieqfa ħdejn il-figura tal-Madonna.

F'din il-pittura naraw lil San Sebastjan impenġi marbut ma' zokk ta' siġra b'vleġġeġ,



Il-pittura tal-Madonna mdawra b' San Bastjan u San Mikiel attribwita lill-bottega ta' Preti

li jirrappreżentaw il-martirju tiegħu, u lil San Mikiel impitter bħala suldat iżżomm miżien f'id waħda u fl-oħra jżomm xabla. Barra l-figuri tal-qaddisin, insibu numru kbir ta' kerubini u anġli li jiffurmaw ċirku madwar il-figura solenni tal-Madonna. Din il-pittura għandha t-tonalità tal-paletta tagħha skura. Din l-amalgamazzjoni ta' kuluri skuri jikkuntrasta b'aktar saħħa mal-mantell aħmar ta' San Mikiel u maċ-ċaruta l-bajda li liebes San Sebastjan. Ta' min issemmi li l-inklużjoni ta' dawn iż-żewġ qaddisin hija kemxejn interessanti. Fil-fatt, fl-antik kienu jaħsbu li l-inklużjoni ta' San Mikiel u San Sebastjan hija minħabba li dawn kienu l-patruni tal-fundaturi tal-Kappella. Mill-banda l-oħra hemm min jaħseb li dawn daħlu fil-pittura billi fil-viċinanzi jinstabu l-bastjuni msemmija għal San Sebastjan u San Mikiel[11].

Il-pitturi kollha msemmijin hawn qegħdin fi stat ta' preservazzjoni tajjeb ħafna. B'xorti ferm tajjeb, dawn il-pitturi qatt ma kienu milquta mill-attakki tal-għedewwa li tagħhom sfat vittma bosta drabi l-Knisja l-Qadima tal-Karmnu. Madanakollu hija xorti ferm akbar li dawn il-pitturi għadhom jżejnu l-artali rispettivi tagħhom fil-Knisja l-Ġdida. It-tqegħid ta' dawn il-pitturi hija l-ħolqa li torbot il-passat mal-preżent; hija tifkira ta' kemm hi, għadha u tibqa' qawwija d-devozzjoni lejn il-Madonna tal- Karmelu.

**Bibjografija**

**Sorsi Primarji**


C.A.V. Cab. A., f. 270, n. 3; f. 190.

Cabreo A

Cabreo B

Storia della Chiesa


**Sorsi Sekondarji**


Ferris, A.,1985, *Descrizione storica delle chiese di Malta e Gozo,* Midsea Books, Malta.

Guillaumier, A., 1972, *Bliet u Rħula Maltin,* 2nd Edition, Malta.

Mahoney, L., 1996, *5000 years of architecture in Malta,*Valletta Publishing.

Mahoney, L., 1988, *A History of Maltese architecture from Ancient times up to 1800,* Malta.

Sammut, L., 1952, *L-Santwarju tal-Karmnu,* Progress Press, Malta.

Sammut, L., 1951, *Breve storia della devozione di Maria S.S del Carmine nell'Isola di Malta,* Malta.

Sciberras, K., 2009, *Baroque Paintings in Malta,* Midesea Books.

Sciberras, K.,2003, *L-Arti Barokka f' Malta,* PIN publications, Malta.

Spike, J.T., 1999, *Mattia Preti: catalogo ragionato dei dipinti,* Centro Di Firenze.


**Siti Elettroniċi**


Debono, S., A Maltese Hagiography for Mattia Preti, http://www.academia.edu/4154038/A_Maltese_Hagiography_for_Mattia_Preti_in_Sandro_Debono_Giuseppe_Valentino_Mattia_Preti_-_Faith_and_Humanity_Exhibition_Catalogue_Midseabooks._2013, aċċessat nhar 29.03.2015.

http://www.stjohnscocathedral.com/mattia-preti.html, aċċessat nhar 29.03.2015.


**Referenzi**

1 Il-Knisja l-Qadima tal-Karmnu bdiet tinbena fl-1570 mill-arkitett Ġerolamo Cassar.

2 Sciberras, K., 2009, *Baroque Paintings in Malta,* Midesea Books: 103-163.

3 Lura fiż-żmien, din il-kappella kellha dedikazzjoni differenti. Fil-fatt kienet magħrufa bħala l-kappella tal-Madonna ta' Loreto li magħha kellha wkoll pittura kbira li tirrappreżenta l-Madonna ta' Loretu. Meta l-Kappella bidlet id-dedikazzjoni tagħha, il-pittura tneħħiet biex imbagħad sabet ruħha fil-kappellun ta' San Ġużepp. Sammut, 1952, p66.

4 Spike, 1999, p. 304 *"...tansferiti ai primi due altari della chiesa poco prima del 1866...".*

5 Oriġinarjament dan il-kwadru kien fil-kor tal-Knisja. Sammut, 1952, p. 63; Spike, 1999, p. 304; Ferris, 1866, p. 221.

6 Fis-sena 1927 il- pittura ta' Sant'Anġlu ġiet restawrata. Wara li l-knisja l-qadima twaqqgħet, il-Karmelitani żżammew din il-pittura biex illum qiegħda fil-Kappella ta' Sant'Anġlu.

7 Spike, 1999, pp. 304-305; Sciberras, 2009, p. 401, Sciberras, 2003, p.; Sammut, 1952, p. 63; Guillaumier, 1972, p. 496.

8 Il-Kappella ta' San Albert, oriġinarjament kienet ddedikata lill-Madonna tal-Grazzja u l-patrun tagħha kien ċertu Giovanni Domenico di Napoli. C.A.V. Cab. A., f. 270, n. 3; f. 190.

9 Wara li l-Kappella bidlet id-dedikazzjoni, il-pittura tal-Madonna b'San Sebastjan u San Mikiel tbiddlet, il-pittura sabet ruħha fil-kunvent tal-Karmelitani.

10 Sciberras, 2009, p. 403

11 Sammut, 1952, p. 51.